

NEWSPAPER POST

# Il-Belt Victoria

*Rivista maħruġa mill-Parroċċa ta' San Ġorġ • Għawdex*

Jannar – Frar 2001

Nru: 118


## Messagg mill-Arcipriet

Resqin lejn ir-Randan. Iż-żmien tar-Randan joffrielna opportunità ġdida ta' grazzja. Alla jinqeda b'dan iż-żmien liturġiku biex isejħilna mill-ġdid u b'mod ġdid għall-konverżjoni tal-qalb u għal imġieba ġdida miegħu u ma' xulxin. Ejjew ma nħallux din is-sejħa taħarbilna. Ejjew naħtfu dan il-mument ta' grazzja. Kif?

L-ewwelnett billi niġu għall-eżerċizzi tar-Randan. Fil-Bażilika ta' San Ġorġ se jsiru korsijiet

*ikompli f'paġna 7*



## IL-PAPA SE JERĠA JIĠI MALTA

Nhar it-Tlieta u l-Erbgħa, 8 u 9 ta' Mejju 2001 ser jerġa jkun fostna l-Q.T. il-Papa Ġwanni Pawlu II. Din iż-żjara għandha importanza kbira fl-istorja millenarja tal-Kristjaneżmu fil-gżejjer tagħna għax propju nhar l-Erbgħa 9 ta' Mejju, waqt Konċelebrazzjoni li ser titmexxa mill-Qdusija Tiegħu fuq il-Fosos tal-Furjana huwa ser jagħmel Beatu lil **DUN ĠORĠ PRECA,** fundatur tas-Soċjetà tal-MUSEUM li tant tagħmel ġid, mhux biss f'pajjiżna, imma wkoll barra minn xtutna. Il-Bord Editorjali flimkien mal-Komunità Parrokkjali kollha jifirħu lis-Soċjetà tal-MUSEUM li permezz tagħha jsir tant ġid spiritwali anke fil-parroċċa tagħna. J'Alla l-Beatu Dun Ġorġ Preca jsawwab fuq il-membri tal-MUSEUM barka speċjali biex tgħinhom ikomplu bil-ħidma fejjieda li huma jwettqu b'dedikazzjoni eżemplari u b'ħeġġa partikolari.



## RANDAN 2001

### KORSIJIET TA' EŻERĊIZZI SPIRITWALI

#### Għall-Koppji:

**Mit-Tnejn 5 ta' Marzu sal-Ġimgħa 9 ta' Marzu**
Predikatur: **Dun Rene' Camilleri,** Għalliem fl-Università
Quddiesa fis-6.30pm u Priedka fis-7.00pm
*(Ikun hemm min jieħu ħsieb it-tfal)*

#### Għaż-Żgħażagħ:

**Mit-Tnejn 12 ta' Marzu sal-Ġimgħa 16 ta' Marzu**
Predikatur: **Dun Giovanni Curmi,**
Direttur Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ
Quddiesa fis-7.00pm u Priedka fis-7.30pm

#### Għall-Kulħadd:

**Mit-Tnejn 19 ta' Marzu sal-Ġimgħa 23 ta' Marzu**
Predikatur: **Patri Frank Borg,** Dumnikan
Quddiesa fis-5.00pm u Priedka fil-5.20pm

#### Għall-Ħaddiema:

**Mit-Tnejn 19 ta' Marzu sal-Ġimgħa 23 ta' Marzu**
Predikatur: **Patri Frank Borg,** Dumnikan
Hin: Kuljum fis-12.35pm

#### Għat-Tfal:

**Mit-Tnejn 2 ta' April sal-Ħamis 5 ta' April**
Predikatur: **Dun Effie Masini**
Priedka fl-4.30pm, Quddiesa fil-5.00pm



# IL-BELT VICTORIA

Rivista ta' kull Xahrejn



*Uffiċċju Editorjali:* **Centru Parrokkjali San Ġorġ**
**Triq il-Karità, Victoria, Għawdex**
Tel: 55 63 77 • Fax: 55 69 81
E-mail: sangorg@vol.net.mt
Website: www2.vol.net.mt/org/sangorg


## MEMBRI ĠODDA FIL-KOMUNITÀ PARROKKJALI

16.11.00: CHARLON, iben Paul Cauchi u Dolores neè Mercieca
25.11.00: JUSTIN, iben Frank Cauchi u Marlina neè Theuma
08.12.00: CLAIRE-MARIE, bint Raymond Gauci u Alessandra neè Camilleri
09.12.00: JOANNA, bint Josef Camilleri u Josianne neè Attard
10.12.00: PETER, iben Michael Mercieca u Mary Rose neè Cordina
17.12.00: LUKE, iben Angelo Attard u Mary Anne neè Gale
30.12.00: JANET, bint Francis Azzopardi u Maria neè Vella
05.01.01: HANNAH FAYE, bint Konrad Scicluna u Nathalie neè Borg
28.01.01: MATTHEW, iben Josmar Spiteri u Ann Marie neè Aquilina

## INGĦAQDU FIS-SAGRAMENT TAŻ-ŻWIEĠ

17.02.01: Jeanette Attard u Eucaristico Farrugia

## MARRU JINGĦAQDU MA' KRISTU RXUXTAT

27.11.00: Mananni Farrugia
01.12.00 : Reggie Roccia
09.12.00: Ġużeppi Apap
10.01.01: Ġanni Grech
11.01.01: Giorgia Cremona
25.01.01: Rosa Sacco
27.01.01: Roża Anna Pace
28.01.01: Frenċ Farrugia

## Kontribut Siewi

**DUN FABIO ATTARD**, Salesjan ta' Don Bosco, nhar l-Erbgħa 29 ta' Novembru 2000, kien mistieden speċjali għall-programm li jixxandar kuljum fuq RAI 3, mid-9.30 sal 11.30 ta' fil-għodu, li jġib l-isem ***'COMININCIAMO BENE'***. Il-programm li fih ħa sehem huwa tkellem dwar jekk hux possibbli li persuna titgħallem tħobb, *'Si puo' Imparara ad Amare?'*

Il-kontribut ta' Dun Fabio kien dwar l-isfidi li jiltaqgħu magħhom illum tant koppji fejn l-ideja li tħobb hi biss marbuta ma' l-esperjenza tas-sesswalità. Dun Fabio, mistoqsi x'inhu l-kontribut tal-messaġġ tal-Knisja llum, tkellem dwar kif il-ħajja tal-persuna umana hija magħmula minn diversi dimensjonijiet, is-sesswalità hija waħda minnhom, flimkien ma' oħrajn bħalma huma s-sens ta' għotja, is-sens ta' dedikazzjoni u ta' imħabba. Ma nistgħux nifirdu l-aspett tas-sesswalità mill-kumplament tal-ħajja umana, tal-ħajja tal-koppja. Is-sess huwa esperjenza importanti, imma mhix unika. Biex tkun tassew umana fis-sbuħija tagħha, is-sesswalità jeħtieġ li tiġi mżejna b'atteġġjamenti oħra.

Il-kontribut ta' Dun Fabio, f'mument fejn tant isir diskors dwar il-ħajja miżżewġa, huwa mod kif il-messaġġ tal-Knisja jista' jitwassal fi programmi li m'humiex ta' natura neċessarjament spiritwali. J'Alla bħala nsara nkunu dejjem lesti, b'sens ta' rispett u fl-istess ħin b'sens ta' konvinzjoni, inwasslu il-messaġġ tal-Knisja li tħares lejn il-ħajja miżżewġa u familjari mill-aspett totali, mhux biss mill-aspett ta' pjaċir immedjat li jiġi akkwistat akkost ta' kollox.

# Editorjal ...

## IRRIDU NASLU

Ix-xogħol fuq il-proġett taċ-Centru Parrokkjali issa wasal biex jibda jieħu sura sew u dalwaqt partijiet minnu jkunu jistgħu jibdew jintużaw. Ftit taż-żmien ilu rajna l-ftuħ ta' uffiċċju amministrattiv ikbar u attrezzat għall-ħtiġijiet ta' illum. Iċ-Centru huwa għalina proġett li jħares lejn il-futur tal-parroċċa tagħna fis-seklu wieħed u għoxrin.

U għalhekk bir-raġun l-appelli kontinwi biex kulħadd jgħin kif u kemm jista' biex dan il-proġett isir realtà fl-inqas żmien possibbli. Kien hawn forsi min iddarras jisma' appel wara l-ieħor li l-parroċċa għadha bżonn l-għajnuna. Min qarras wiċċu għadu ma fhemx jew ma jridx jifhem li l-ħajja qed timbidel kuljum u f'dawn l-aħħar snin rajna tibdiliet kbar fis-soċjetà li ngħixu u konna mdorrijin ngħixu fiha. Min jara sal-ponta ta' imnieħru u jistax jirrealizża s-siwi li ser ikollu dan il-proġett ambizzjuż għaż-żmien li ġej.

Il-parroċċa tagħna kienet minn dejjem, għadha sa llum u ser tibqa' 'l quddiem ċentru ta' ħidma pastorali intensa mhux biss għall-Belt Victoria, iżda wkoll għal ħafna u ħafna oħrajn minn diversi parroċċi fil-gżira tagħna. U propju għalhekk jagħmel sens dan il-proġett li l-parroċċa tagħna b'entużjażmu kbir daħlet għalih. Allura għalhekk ukoll l-appelli biex kull min jista' jgħin b'ġenerożità biex din il-ħolma narawha ssir realtà fl-iqsar żmien possibbli.

Bħalissa qed issir kampanja biex jinġabar self bla imgħax ħalli l-parroċċa jkollha flus biżżejjed biex jitħallsu x-xogħlijiet kbar li qed isiru. Il-kontribuzzjonijiet qed jidħlu kuljum. Ħafna u ħafna ġorġjani ġa offrew ċedola ta' Lm50, però żgur li għad baqa' min jista' u għandu jikkontribwixxi. Dawn il-flus jingħataw lura ftit ftit kulll sena billi jittellgħu għad ta' ċedoli. Din l-għajnuna hija meħtieġa jekk aħna verament nemmnu fl-importanza tal-proġett taċ-ċentru parrokkjali.

## TISLIMA U GRAZZI

Nhar il-Ħamis 18 ta' Jannar temm is-servizz tiegħu ta' ħafna snin is-Sagristan **Emanuel Scicluna.** Waqt li nawgurawlu snin twal ta' mistrieħ, nirringrazzjawh għas-servizz li ta u nisperaw li nibqgħu narawh fostna biex inkomplu ngawdu l-għajnuna tiegħu.

Nifirħu lis-sagristan l-ġdid **Joseph Saliba** u nawgurawlu snin twal ta' ħidma fil-Bażilika tagħna.



# ISLEF U GĦIN

## Skema ta' Self Għaċ-Ċentru Parrokkjali

Il-bidliet u t-tiġdid li qed nagħmlu fil-propjetà li għandna u l-bini ġdid li tiela' għandhom bħala għan li nipprovdu għalina u għall-ġenerazzzjonijiet futuri Ċentru Parrokkjali attrezzat tajjeb u effettiv. Qed naħsbu fil-ġid tal-familji, tfal, żgħażagħ u anzjani tallum u t'għada. Dan il-ġid jista' jseħħ biss bil-kollaborazzjoni tgħna, saċerdoti u lajċi flimkien, għat-taqqif sħiħ tas-Saltna ta' Kristu fostna.

Il-parroċċa tagħna thoss ir-responsabilità li tagħmel hilitha sabiex is-servizz li qed tagħti lill-Insara kollha li jiffrekwentawha tkompli tagħtih u ttejbu. Għalhekk hu meħtieġ ħafna li jkollha l-istrutturi moderni meħtieġa għall-ħidma pastorali fid-dinja tallum.

Għandna għax nifirħu li Ġesù ried li nkunu aħna biex permezz tagħna jwwettaq din l-opra tajba fil-parroċċa tagħna. Il-proġett hu kbir u ambizzjuż. Is-sagrifiċċji m'humiex żgħar u ma jonqsux. Imma l-għan huwa tajjeb u qaddis. Bil-għajnuna tagħkom, bit-talb, l-appoġġ morali u b'kull kontribuzzjoni tagħkom, jiena nittama li ma ndumux ma jkollna Ċentru Parrokkjali għat-Tielet Millenju mill-iprem li jkun għas-servizz ta' Alla u tagħna lkoll.

***Mons. Ġużeppi Farrugia***
*Arċipriet*

**L-iskema ta' self b'risq il-bini taċ-Ċentru Parrokkjali ġiet imnedija dan l-aħħar u kienu bosta dawk li ma' l-ewwel appell li sar offrew Lm50 lira bħala self. Għal kull Lm50 tingħata ċedola.**

**Min jislef, minbarra li jibbenefika fit-talb li jsir kuljum għall-benefatturi, għandu wkoll dawn il-vantaġġi:**

1. Ikollu sehem mill-ġid spiritwali ta' Quddiesa (ġeneralment tas-6.00pm) li ser tibda ssir kull 23 tax-xahar għall-benefatturi ħajjin u mejtin taċ-Ċentru Parrokkjali.
2. Ikollu ċans li ismu jitla' f'lotterija li se ssir kull sena mill-Parroċċa ta' San Ġorġ u li din is-sena se tkun ta' Biljett b'xejn għall-Pellegrinaġġ f'Lourdes.
3. Malli ċ-ċedoli jilħqu 500 jittella' Television jew xi oġġett utli għad-dar fost dawk il-persuni li jkunu daħlu fl-iskema ta' self.

**Dawn il-vantaġġi huma applikabbli wkoll għal dawk il-persuni li diġa' huma benefatturi taċ-Ċentru Parrokkjali.**

## APPELL LILL-EMIGRANTI

Nixtiequ minn dawn il-paġni tar-rivista tagħna nagħmlu appell lill-emigranti tagħna biex huma wkoll jgħinu f'dan il-proġett u jibgħatu ċekk lill-parroċċa tagħna għal dan il-għan. Mill-Awstralja ċ-ċekk irid ikun ta' 207 Dollaru Awstraljan, mill-Ingilterra ta' 78 Liri Sterlini, mill-Kanada ta' 172 Dollaru Kanadiż u mill-Istati Uniti ta' 115 Dollaru Amerikan. L-emigranti jistgħu jibagħtu l-flus tagħhom anke permezz ta' qrabathom f'Għawdex. Aħna ċerti li l-emigranti tagħna, li jirċievu din ir-rivista b'xejn kull meta tiġi pubblikata, ikunu minn ta' quddiem biex joffru l-għajnuna tagħhom.

# RIŻOLUZZJONIJIET FIL-BIDU TA' SENA ĠDIDA

**Fil-bidu ta' kull sena kulħadd jipprova jagħmel xi riżoluzzjonijiet. Dawn li ġejjin huma xi ftit riżoluzzjonijiet li jistgħu jkunu ta' ġid għalina lkoll.**

● Mulej, għinni mhux biex nagħmel ħwejjeġ kbar imma biex nagħmel ħwejjeġ żgħar b'imħabba kbira.

● Għinni li nibqa' nagħti kas ta' dak li jħoss ħaddieħor, anke meta naħseb li n-nies qed jgħaġġbuha jew iridu ftit fsied.

● Għinni nerfa' r-responsabilità ta' dak li nagħmel, anke jekk ħafna drabi ma nistax nikkontrolla dak li ser jiġri wara.

● Fehemni li ma jistax ikun niddeffes f'kollox, ma nistax nagħmel kollox; imma jekk ikolli bżonn xi ħaġa..tiddejjaqx titlobni.

● Għinni nieħu l-affarijiet iktar bis-serjetà, speċjalment id-daħk, lż-żfin u xi festa jew party bejn il-ħbieb.

● Agħtini kemm tiflaħ paċenzja———u ħaffef għax għandi bżonnha issa.

● Għinni ma nkunx perfezzjonista. Inkella miskin dak jew dik li jridu jgħixu miegħi.

● Għinni ntemm dak kiollu li nidħol għalih, u nispiċċa dak kollu li nibda.

● Għinni nagħmel dak li nista'. Dak li ma nistax nagħmel inħallih f'idejk u f'idejn min jista' jagħmlu.

● Għinni nżomm moħħi miftuħ għall-ideat ta' ħaddieħor, anke jekk inkun perswaz li tiegħl hija l-aħjar idea.

● Għinni nieħu l-ħajja bil-kalma, ngħix ġurnata b'ġurnata u l-jum ta' għada nħallih għal għada.

● U fuq kollox Mulej, fakkarni li rrid ngħin ruħi biex inti tgħinni.

# UFF - - xi dwejjaq!!!!

***Meta jkun hemm xi ħaġa li ma tgħoġobniex, li ddejjaqna jew narawha żejda, malajr nibdew ingergru u neqirdu. Uff..xi dwejjaq! Imma kieku l-affarijiet kellna narawhom minn naħa l-oħra, kieku malajr l-'Uff' tagħna timbidel u ssir ..'Ah..Grazzi!'***

▲ Wara xi party jew xi ikla tajba, uff xi dwejjaq kemm se jkolli nnaddaf u nizbarazza. Imma, ah.. grazzi ta' kemm kont imdawwar b'nies li nħobb u li jħobbuni.

▲ Uff xi dwejjaq dawn il-ħwejjeġ kollh kemm qed jiġuni ssikkati. Imma, ah.. grazzi għax sinjal li għandi x'niekol iktar milli neħtieġ.

▲ Uff xi dwejjaq din is-sħana kif tħallik bla saħħa. Imma, ah.. grazzi li nista' noħroġ barra nimxi, naħdem, għax pajjiżi mhux milqut min xi għargħar qerriedi.

▲ Uff xi dwejjaq kif xbajr innaqqi l-ħaxix ħażin mill-ġnien, innaddaf u nfarfar, nirranġa dak il-vit iqattar, inbajjad il-kċina. Imma, ah.. grazzi għax għandi dar fejn nitfa' rasi.

▲ Uff xi dwejjaq kemm ikolli nipparkja 'l bogħod. Imma, ah.. grazzi talli għani karrozza u niflaħ nimxi.

▲ Uff xi dwejjaq meta jibdew jaslu l-kontijiet ta' dak jew ta'dik. Imma. ah..grazzi għax nista' ingawdi dawn il-kumiditajiet kollha.

▲ Uff xi dwejjaq dik il-mara tistona ħdejja waqt il-quddiesa. Imma, ah.. grazzi tad-don tas-smiegħ.

▲ Uff xi dwejjaq meta ma nkunx nista' inlaħħaq mal-ħasil tal-ħwejjeġ u mal-mogħdija. Imma, ah.. grazzi għax dan ifisser li qed ngħix f'familja.

▲ Uff xi dwejjaq meta jdoqq l-iżveljarin biex inqum kmieni fil-għodu. Imma, ah.. grazzi għax dan ifisser li għadni ngawdi l-ħajja.

# TLIET PELLEGRINAĠĠI ORGNIZZATI MILL-PARROĊĊA TAGĦNA

*(Programmi Proviżorji)*

## FATIMA

**Il-Ħamis 10 ta' Mejju 2001**
Tluq lejn Lisbona bl-ajru fis-7.00am
Naslu FATIMA, ċena u l-ewwel żjara

**Il-Ġimgħa 11 ta' Mejju 2001**
Optional Excustion lejn OPORTO
Waqfa fi CIOMBRA u lura lejn
Fatima għaċ-ċena.

**Is-Sibt 12 ta' Mejju 2001**
Żjara madwar Fatima
BATALHA, ALJUSTREL
U VALINHOS
Pranzu ġo Fatima
Nassistu għall-bidu tal-
Festi speċjali ta' l-Ewwel Dehra.

**Il-Ħadd 13 ta' Mejju 2201**
Quddiesa u Breakfast
Nattendu wara
Għaċ-ċelebrazzjonijiet tal-Adeus
Wara nofs in-nhar
Optional Excursion għal
ALCOBACA u NAZARE

**It-Tnejn 14 ta' Mejju 2001**
Zjara f'TOMAR bil-packed lunch
U naslu LISBONA
Cena fil-Hotel

**It-Tlieta 15 ta' Mejju 20012**
Żjara f'LISBONA fil-għodu
Wara nofs in-nhar ħin liberu

**L-Erbgħa 16 ta' Mejju 2001**
Optional Excursion
F'ESTORIL, CASIAS u SINTRA
Ritorn kmieni u ħin liberu.

**Il-Ħamis 17 ta' Mejju 2001**
Quddiesa u Breakfast
Tluw lura lejn Malta
Fejn naslu ma' l-4.00pm

***Programmi iżjed dettaljati jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju Parrokkjali jew mingħand Mons Salv Borg li ser imexxi dawn it-tliet Pellegrinaġġi***

## ITALJA

**Il-Ħadd, 22 ta' Lulju 2001**
Tluq bl-ajru lejn Ruma
Nitilqu lejn Napli
Rqad f'Napli

**It-Tnejn 23 ta' Lulju 2001**
Fil-għodu żjara lill-Belt ta' Napli
Wara nofs in-nhar Ħin liberu

**It-Tlieta 24 ta' Lulju 2001**
Optional Excusion għal POMPEJ
Wara l-ikel nitilqu lejn
Il-belt ta' Padre Pio
SAN GIOVANNI ROTONDO
Ngħaddu minn Foggia
Cena u rqad

**L-Erbgħa 25 ta' Lulju 2201**
Żjara Monte Gargano
u Park Nazzjonali
Wara nofs in-nhar
Via Sagra u l-isptar
Casa della Sofferenza

**Il-Ħamis 26 ta' Lulju 2001**
Breakfast u tluq lejn Ruma
Waqfa f'LANCIANO
Cena f'Ruma

**Il-Ġimgħa 27 ta' Lulju 2001**
Bażilika ta' San Pietru
Il-Koppla u l-Kripta
Wara nofs in-nhar
Żjara lill-Bażiliċi l-oħra
Ċena u zjara fi Piazza Navona eċċ.

**Is-Sibt 28 ta' Lulju 2001**
Optionl Excursion
Lejn CASSIA- Santa Rita
Lura nżuru Orvieto

**Il-Ħadd 29 ta' Lulju 2001**
Quddiesa u Breakfast
Porta Portese-Suq mill-ikbar
Wara nofs in-nhar
Optional excusion għal TIVOLI

**It-Tnejn 30 ta' Lulju 2001**
Lura lejn Malta
Naslu għas-1.30pm

## LOURDES

**It-Tnejn 6 ta' Awissu 2001**
Tluq bl-ajru fl-10.25pm
Rqad fil-lukanda

**It-Tlieta 7 ta' Awissu 2001**
Wara l-breakfast
Zjara fil-Għar tal-Madonna
Via Sagra u Tlett Bażiliċi
Ritratt tal-grupp u Pranzu
Wara nofs in-nhar
Dokumentarju bl-ingliż
Purċssjoni tal-morda,
U postijiet oħra
Wara ċ-ċena
Purċissjoni Aux Flambeaux

**L-Erbgħa 8 ta' Awissu 2001**
Ħin għall-Pixxina
jew il-quddiesa internazzjonali
fil-11.00am Quddiesa
Pranzu u mistrieħ
Wara nofs in-nhar
Optional excusion
Għal PONT D'ESPAGNE
Xenarju mill-isbaħ
Ċena u ħin liberu

**Il-Ħamis 9 ta' Awissu 2001**
Quddiesa fil-Grotta
Optional Erxcusion għal
VAL D'ARAN
Fuq il-fruntiera ma' Spanja
Ħin għal shopping
Ċena u ħin liberu

**Il-Ġimgħa 10 ta' Awissu 2001**
Żjara lil belt ta' Lourdes
Cachot, Parroċċa u s-suq
Pranzu fil-lukanda
Wara nofs in-nhar
żjara BARTES, Lake ta' Lourdes
u CITE' St. PIERRE
Ċena u ħin liberu

**Is-Sibt 11 ta' Awissu 2001**
Matul il-lejl
Tluq lura lejn Malta
Naslu gas-6.00 a.m.

# IŻ-ŻMIEN TAL-FERĦ HUWA ISSA

**Kitba ta' MONS SALV BORG**

Meta nharsu lejn ħajjitna bisserjetà niltaqgħu ma' ħafna frażijiet li ħafna drabi neħduhom 'for granted', mingħajr ma nieqfu ftit naħsbu fuqhom u x'effett qegħdin iħallu fuqna.



Min jaf kemm il-darba matul il-ħajja taħna għidna: Bħalissa lanqas naf fejn jien, imma mbagħad meta nkun iżżewwiġt, nissetilja u nikkalma żgur— — — Bħalissa nħossni vojta, imma mbagħad meta jkolli t-tfal , imbagħad ħajti tkun mimlija żgur.— — Bħalissa qisni ġenn sħiħ, imma iktar 'l quddiem, meta jkolli l-karozza tiegħi, imbagħad inkun tassew ħielsa u indipendenti.— — — —

Xi darba, imbagħad, meta jgħaddu l-problemi ta' issa— — — Dejjem noħlom li xi darba se jirnexxili nsib il-ferħ u l-paċi li nixtieq. U l-ħtija li m'ħinix kuntent illum hija għax għad jonqosni ix-xi ħaġa. Noħlom li jekk ikolli dak l-oġġett, nilħaq dik il-pożizzjoni, nakkwista dak li nixtieq illum, żgur li nasal għall-ferħ li nixtieq.

Imma, imbagħad, meta nkun akkwistajt dak li xtaqt, jew inkella wasalt fejn ħlomt li nasal, niskopri li jitfaċċaw problemi u sfidi ġodda. Meta niżżewweġ insib li rrid nibdel l-istil kollu ta' ħajti, nadatta ruħi għall-karattru u l-bżonnijiet tar-raġel/mara li jkolli. Meta jkolli t-tfal jinbet inkwiet ġdid, għax ma nistax norqod, għax jimirdu, għax jibku eċċ. Meta jikbru u jitfarfru t-tfal jieqaf xi ftit l-uġiegħ ta' ras u jibda l-uġiegħ tal-qalb. Għax rashom iebsa, għax ma jistudjawx, għax iridu joħorġu fit-tard, għax ribellużi.. Uff mhux li tgħaddi din il-fażi!!



U nerġa' nibda noħlom: jaħasra iġri jikbru ftit ieħor u jisstiljaw huma wkoll. Imbagħad tara kif fl-aħħar nikkwieta u jkun moħħi mistrieħ. Anqas biss jgħaddili minn moħħi li mbagħad jibda' l-inkwiet tal-mara tat-tifel, jew tar-raġel tat-tifla, jew inkella l-mard tat-tfal tat-tfal.

Il-ferħ u l-paċi jidhrulna qishom xi karrotta mdendla quddiemna, u aħna qisna l-ħmir niġru warajha bla qatt nistgħu nilħquha. Il-ferħ qisu dejjem jistaħbilna wara l-kantuniera li jmiss. Meta naħsbu li nkunu sibnieh niskopru li nkunu għadna lanqas biss bdejna, għax kull sitwazzjoni fiha l-ferħ u l-inkwiet tagħha.

Qatt ħsibtu li l-ferħ u l-kuntentizza tistgħu ssibuhom kullimkien u dejjem?

- ◆ Il-ferħ mhux qiegħed fiż-żwieġ, fit-tfal, fil-flus, fil-karozza l-ġdida, jew fid-dar ġdida.
- ◆ Il-ferħ mhux qiegħed fil-hbieb, fil-mara, fir-raġel tiegħek.
- ◆ Il-ferħ mhux qiegħed fil-ġurnata t'għada, fit-temp sabiħ, fix-'xi darba' tal-ħajja.

Il-veru ferħ jinsab hemm, ġewwa fik stess. Inti biss għandek iċ-ċavetta tal-kuntentizza u tal-paċi. Inti biss tista' tgħid 'iva' jew 'le' għall-ħajja b'dak kollu li ġġib magħha. Inti biss tista' tgħid: 'Uff, xi dwejjaq, għax ix-xita!' jew 'Ara, ħalli niftaħ l-umbrella għax ix-xita!' L-għażla f'idejk u mhux f'idejn ix-xita. Dik miskina tinżel meta jasal żmienha u mhux biex tinkik jew tifnik.

Iż-żmien tal-ferħ huwa ISSA. Tistenniex li ser tiġri xi ħaġa biex il-ħajja ssolvilek il-problema hi. Il-problema trid u tista' issolviha int stess. Kull mument għandu s-sabiħ u l-ikreh tiegħu. Int li trid tkun kapaċi tagħraf u tgawdi s-sabiħ filwaqt li tissaporti u taċċetta l-ikreh bis-sabar.

Mela tkomplix tidħak bik innifsek. Għalxejn tistenna jum ġdid... sena ġdida..jekk m'intix se ssir ġdid jew ġdida minn ġewwa.



Il-ferħ t'għada huwa ħolma,
Il-ferħ ta' llum huwa l-ferħ veru!
Mela IBDA' issa.
Ara s-sabiħ tal-mument ta' issa.
Agħraf l-iebes tal-mument ta' issa.
Aċċettah u ġġilidlu bil-kuraġġ.
Int qed tgħix illum.
Il-bieraħ spiċċa u għadda, hadd ma rah.
Għalfejn tgħix ħajtek qisek kelb imġewwaħ,
Jistenna li jinfetaħ bieb xi darba fil-futur.
Mhux aħjar tgħix il-mument ta' ISSA!
Għax imbagħad..
Imbagħad..imbagħad..
Forsi mbagħad ma jasal qatt!!!

# Rokna għat-Tfal



Għeżież Tfal,

Qegħdin nerġgħu niltaqgħu flimkien permezz ta' din ir-rivista li għandha sservi ta' ħolqa bejnietna. Żgur li intom temmnu bħali li l-parroċċa hija d-dar tagħna lkoll w għalhekk ma nistgħux noqgħodu bogħod minnha għal żmien twil. Tgħiduli fejn noqgħodu aħna hemm kappella jew forsi wkoll knisja. Mela le; m'hemm xejn ħażin li tmorru hemm, Iżda tinsewx li aħna lkoll nagħmlu parti mill-Parroċċa ta' San Ġorġ fejn tgħammidna, għamilna l-Ewwel Tqarbina, iċċivejna l-Griżma ta' l-Isqof u 'l quddiem min jaf għadx tiġina l-okkażjoni li nagħmlu xi festa oħra. Mela tinsewx! Il-parroċċa għandha tiġi l-ewwel u qabel kollox.

Intant, bdejna sena ġdida u sakemm tiġi f'idejkom din il-kitba, inkunu bdejna sew t-tieni 'term' ta' l-iskola. Importanti li nħejju ruħna bis-serjetà: ħafna minnkom fit-Sitt Sena qed tippreparaw biex tagħmlu l-eżami tal-Junior Lyceum u għalhekk sewa ma titilfux żmien bl-addoċċ. Iż-żmien prezzjuż u l-għaqal jiswa l-flus. 'Dak li tiżra' taħsad', ngħidu bil-malti u għalhekk ma tippretendux li tmorru tajjeb fl-eżami jekk ma tkunux ħaddtuhom bis-serjetà. Dan japplika għall-istudenti kollha wara kollox.

L-aħħar jum ta' Frar din is-sena jfisser tmiem il-festi tradizzjonali tal-Karnival u l-bidu tar-Randan Imqaddes. Żmien sabiħ u qaddis fis-sena Liturġika tal-Knisja. Kemm hi drawwa sabiħa li l-jiem tar-Randan inqaddsuhom dejjem b'quddiesa u billi ninvistaw il-Via Sagra! Żgur li minn erbgħa u għoxrin siegħa li fiha ġurnata, insibu ftit ħin għal dawn Iż-żewġ ħwejjeġ. Dawn huma drawwiet li rridu nikkultivawhom meta għadna żgħar biex insibuhom meta nikbru.

Ma xtaqtx intawwal iżjed u għalhekk ser ngħaddi għall-kompetizzjoni ħafifa li tista' trebbaħkom ktieb bil-Malti ġentilment mogħti mill-Klabb Kotba Malti (Fergħa t'Għadex: 551352). Ibgħatu t-tweġibiet tagħkom lill-Editur, 'Il-Belt Victoria', Centru Parrokkjali, Bażilika San Ġorġ, Victoria sa nhar is-Sibt 17 ta' Marzu 2001. L-ewwel tweġiba tajba li titla' bix-xorti tirbaħ il-premju.

**Mistoqsijiet:**

1. Sib il-qawl malti li jien użajt f'din il-kitba.
2. Ikteb sitt iqwiel Maltin.

Sakemm nerġgħu niltaqgħu,
Saħħa Tfal

*Iz-Ziju Peppi*

jaqbad mill-paġna ta' quddiem

## Messaġġ mill-Arcipriet

għall-koppji, għaż-żgħażagħ, għall-ħaddiema, għat-tfal u, biex nissodisfaw lil dawk li ma jridu jidħlu f'ebda kategorija, jew li ma jkunux jistgħu jattendu l-kors tal-kategorija tagħhom, ikollna l-kors ta' eżerċizzi għal kulħadd. Minbarra l-priedki li toffri l-Parroċċa tagħna, isiru diversi korsijiet mar-Rabat kollu. Ħadd ma għandu jonqos milli jattendi għal xi kors jew ieħor ta' priedki tar-Randan. Dawn il-priedki huma opportunità biex niltaqgħu mal-Kelma ta' Alla, b'mod differenti mis-soltu, biex nixtarruha u ninbidlu fiha.

Opportunitajiet oħra ta' formazzjoni għall-ħajja Nisranija li qed torganizza l-Parroċċa huma l-visti fil-familji tal-Parroċċa, l-iritiri għaż-żgħażagħ u l-koppji għarajjes u miżżewġin, pellegrinaġġi kif ukoll mumenti ta' talb fil-knisja u fid-djar.

Minbarra l-aspett purament spiritwali, iż-żmien tar-Randan iġib miegħu ħafna xogħol marbut mal-funzjonijiet liturġiċi u mal-purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira u ta' l-Għid il-Kbir. Biex imexxi dan ix-xogħol għandna l-Kumitat tal-Ġimgħa l-Kbira magħmul minn għadd ta' membri ħabrieka li diġa' ltaqa diversi drabi biex jorganizza u jħejji dak kollu li hu meħtieġ. Inħeġġeġ lill-parruċċani kollha biex jieħdu sehem f'dawn il-funzjonijiet li ġol-Bażilika Ġorġjana li, kif jaf kulħadd, isiru b'solennità liturġika u parteċipazzjoni kbira.

Marbuta ma' l-Għid għandna l-festa liturġika ta' San Ġorġ fit-23 ta' April. Minħabba li din is-sena hi l-ewwel sena ta' preparazzjoni għaċ-Ċentinarju l-Kbir tas-sena 2003, bejn April u Lulju ta' din is-sena se jsiru diversi attivitajiet marbuta ma' San Ġorġ. Kif kont għidt waqt il-Konċelebrazzjoni tat-23 t'April tas-sena li għaddiet, din is-sena hi s-sena tat-tagħlim dwar San Ġorġ. Aktar tagħrif dwar x'se jkunu l-attivitajiet għal din is-sena, nagħtuh aktar 'il quddiem.

Intemm dawn il-kelmtejn billi nħeġġiġkom tieħdu sehem fl-attivitajiet kollha tal-Parroċċa għażiża tagħna fiż-żminijiet u l-jiem liturġiċi sbieħ li ġejjin tar-Randan, ta' l-Għid u ta' San Ġorġ. ●

### Maħtura Presidenti Onor. tas-Saċ. Filar. La Stella

Żewġ persuni li isimhom ilu marbut għal snin twal mas-Soċjetà Filarmonika 'La Stella' dan l-aħħar ingħataw l-għarfien li tant jisthoqqilhom għas-servizz leali u diżinteressat li minn dejjem taw lil din l-Għaqda Mużikali ewlenija tal-gżira Għawdxija. Iż-żewġ persuni, **Joseph Cini** u **Joseph Mercieca**, ġew maħtura Presidenti Onorarji ta' 'La Stella' bħala rikonoxximent tal-ħidma bla qies li taw sa minn ċkunithom lil din is-soċjetà Mużikali. Kemm Cini kif ukoll Mercieca taw kontribut ferm validu lis-Soċ. La Stella bħala żewġ membri mill-aktar attivi, eżemplari u assidwi fil-Kumitat tal-Banda. In-nomina tagħhom tħabbret mill-President tas-Soċjetà, Dolindo Cassar, waqt riċeviment li sar għall-Banda u l-Kumitat fis-Sala Gius. Giardini Vella. F'diskors qasir li għamel is-Sur Cassar faħħar is-sens kbir ta' inizjattiva u dinamiżmu li sa minn dejjem urew fi kwalunkwe ħidma li wettqu b'risq il-Każin. Hu qal li isimhom għandu jibqa' jservi bħala ispirazzjoni għal dawk kollha li jridu jkomplu jagħtu l-aħjar servizz possibli lil din is-Soċjetà Mużikali.

Is-Sur Cassar ippreżenta lis-sur Cini u lis-sur Michael Mercieca (f'isem missieru Joseph li jinsab indispost) bi trofew bħala tifkira ta' l-okkażjoni.

# SHAKESPEARE FIT-TEATRU ASTRA

# ROMEO U ĠULJETTA

Ftit jiem ohra għajnejn id-dilettanti kollha tal-palk f'Għawdex se jkunu mitfugħa fuq produzzjoni tejatrali ġdida li l-ASTRA DRAMATIC COMPANY se tippreżenta fit-Teatru Astra: 'Romeo u Ġuljetta' tal-magħruf dramaturgu Ingliż William Shakespeare.



*Marion Zammit u Oliver Farrugia fil-partijiet ewlenin ta' Romeo u Ġuljetta.*

L-A.D.C. ta' kull sena tfittex li ttella' produzzjoni ta' isem u tgawdi popolarità u ċertament li l-għażla ta' din id-darba m'hijiex xi eċċezzjoni. 'Romeo u Ġuljetta' hija waħda mill-aħjar xogħlijiet letterarji ta' Shakespeare u żgur li bil-mod li bih ser tiġi preżentata għandha tintlaqa' tajjeb mill-pubbliku ġenerali.

Maqluba fl-ilsien Malti minn Alfred Palma, il-play tiżvolġi l-ġrajja kiebja u traġika ta' żewġ maħbubin li sfortunatament jisfgħu vittmi tal-mibgħeda ħarxa bejn il-familji tagħhom; ġrajja ta' imħabba żventurata li sadattant tibqa' dejjem tpaxxi lil kull min jaraha.

Wara s-suċċess milħuq bid-dram 'Dar ta' Pupa' ta' Henrik Ibsen, fuq produzzjoni ta' George Mizzi, l-A.D.C. ser tidħol għal dn ix-xogħol tejatrali bl-akbr kuraġġ, konvinta li ser iżżid isem ieħor ta' prestiġju fil-lista twil ta' produzzjonijiet tal-palk imtella' fit-Teatru Astra matul dan l-aħħar snin. Ta' min jgħid li din ser tkun l-ewwel darba li fil-gżira Għawdxija se ssir play ta' Shakespeare bil-Malti.

Minbarra li tappella għall-pubbliku ġenerali, 'Romeo u Ġuljetta' mistennija tkun ukoll attrazzjoni għall-mijiet ta' studenti li jistudjaw din il-play, kunsidrata bħala ġawhra fil-letteratura ngliża, fil-kurikulu tagħhom ta' l-iskola.

It-tħejjijiet għal dan id-dramm issa ilhom għaddejjin għal dawn l-aħħar xahrejn. Cast ta' madwar 60 ruħ se jieħdu sehem f'Rome u Ġuljetta', taħt id-direzzjoni ta' Mario Tabone, li lkoll niftakruħ bħal wieħed mill-atturi ewlenin t' l-A.D.C.

**'Romeo u Ġuljetta' se tiġi preżentata fit-Tetru Astra nhar is-Sibt 3 ta' Marzu 2001.Għall-okkażjoni fil-foyer tat-teatru se jkun hemm esebizzjoni tal-pubblikazzjonijiet kollha li ħarġu mill-pinna tal-kittieb malti Alfred Palma.** ●





IDEAL HOME EXHIBITION

TEATRU ASTRA

Il-Ġimgħa, Is-Sibt u l-Ħadd

6,7 u 8 ta' April 2001


A&M Printing Ltd. - Qala - 553217